**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU DISGHA**

**3 ta' FRAR, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-7.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Marylyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**9.1** *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

9.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li b'referenza għall-punt fir-rigward tal-problema li hemm fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Perit u l-kuntrattur li ser jaħdem u sar ftehim kif ser isir ix-xogħol meħtieġ bl-anqas spejjeż possibli.

9.1.2 Kien hemm qbil li tinħareġ ordni għax-xogħol ta' żewġ qniepel ornamentali tal-Milied bil-mutur b'kollox li tammonta ghal 700Euro. Ix-xogħol isir mingħad l-istess kuntrattur li għamel dawk preċedenti.

9.1.6 Ġew approvati l-minuti tat-tmien seduta ta' din il-leġislatura.

*9.2* *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi*

9.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kellu laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit tal-Kunsill, il-Kuntrattur li ser jagħmel xogħol ta' wiċċ ġdid fi Triq it-Torri u ma' rappreżentant tal-kumpanija GO. {ie diskuss ix-xog}ol li ser isir fi Triq it-Torri u kien hemm ftehim li jinbiddlu l-bankina li hemm imkissra u li hemm bżonn li jitbaxxew minħabba l-garaxxijiet. Kien hemm qbil ukoll li x-xogħol jibda fil-bidu ta' Frar. Iċ-Chairperson qal li minn informazzjoni li għandu dan ix-xogħol jekk ma jibdix fil-ġimgħa li ninsabu fiha, ser jibda fil-ġimgħa li ġejja.

Sadanittant ġiet imwaħħla tabella fil-bidu tat-triq biex jiġu nfurmati r-residenti.

9.2.2 I1-Chairperson ressaq ilment ta' residenti fi Triq il-Luq fejn qed jgħidu li joqgħod l-ilma. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ mil-kuntrattur li ser jagħmel Triq it-Torri.

*9.3* *Appuntament għas-Seduta li jmiss*

9.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-7.30pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 16ta' Marzu, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**